MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 876/1994/1

**Joseph Pace u martu Rosaria *sive* Lucy Pace, u l-istess Rosaria *sive* Lucy Pace bhala mandatarja specjali debitament awtorizzata ta' Carmelo u Rita konjugi Pace, ta' Angelo u Anna konjugi Pace, u ta' Saveria u Nicholas kunjugi Camilleri, kif ukoll ta' Natalizia Bugeja armla ta' Giuzeppi u b'digriet datat 15 ta' April 2008 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Lourdes Grech stante il-mewt ta' Rosaria *sive* Lucy Pace fil-mori tal-kawza, bhala bint l-istess Rosaria *sive* Lucy Pace u wkoll fil-veste ta' mandatarja specjali tal-atturi fuq indikati.**

**vs**

**(i) Giovanna Pace,**
**(ii) Charles u Maria konjugi Fenech.**
**(iii) Nazzareno u Rita konjugi Formosa.**

**(iv) Kristino u Anne konjugi Pace.**
**(v) Paul u Gorgina konjugi Pace.**
**(vi) Emanuel u M' Assunta konjugi Pace.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta' Gunju 1994 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Manche` fejn gie premess:-

Illi Joseph Pace, Carmelo Pace, Angelo Pace, Saveria mart Nicholas Camilleri u Natalizia armla ta' Giuzeppi Bugeja (atturi) huma lkoll ahwa, ulied il-mejtin Gerolomo Pace u Paola nee` Giordmaina. Illi l-imsemmijin Carmelo, Angelo u Saveria dawn huma lkoll mizzewgin u jirresjedu permanentament fl-Awstralja, partikularment f'Melbourne – Victoria. Illi Joseph Pace huwa mizzewweg ukoll, kif inhi ohtu Natalizia biss din issa hija armla ta' Giuzeppi, u t-tnejn joqghodu Malta.

Illi l-konjugi Pace u Camilleri, t-tliet koppji mizzewgin li jirresjedu fl-Awstralja hatru permezz ta' prokura bhala mandatarja specjali taghhom lil mart Joseph Pace, u *cioe`* Rosaria *sive* Lucy Pace, liema prokura ggib id-data tas-7 ta' April 1994, u saret quddiem il-Konslu Generali ta' Malta f'Victoria fl-Awstralja, Clemente Zammit.

Illi l-konvenuti Giovanni Pace, Maria mart Charles Fenech, Rita mart Nazzareno Formosa, Paul Pace, Emanuel Pace, u Kristino Pace, dawn huma lkoll ahwa, ulied l-istess missier ta' l-ahwa indikati fl-ewwel premessa, biss minn omm differenti peress illi missierhom wara li mititlu l-ewwel mara, sussegwentement izzewweg lill-ohtha Lucrezia nee` Giordmaina, illum mejta wkoll.

Illi jigi ghalhekk li l-mejjet Gerolomo Pace kellu hdax-il ulied, li kollha ghadhom hajjin, hamsa minn Paola nee` Giordmaina, u sitta minn Lucrezia oht Paola.

Illi b'testment *unica charta* in atti Nutar Dottor Maurice Gambin tas-sebgha (7) ta' Ottubru, elf disa' mija u hamsa u sebghin (1975) fl-erbgha ta' wara nofs in-nhar, il-konjugi Gerolomo u Lucrezia Pace kienu ddisponew fir-raba' artikolu illi l-konvenut binhom Giovanni Pace jekk ikun ghadu guvni (kif in effetto kien u ghadu) fil-gurnata tal-mewt tas-superstiti testaturi, l-imsemmi Giovanni jkollu d-dritt li jixtri bi stima ta' Perit, id-dar ta' l-abitazzjoni taghhom, u *cioe`* l-fond Numru 47, Triq Zebra, Birzebbugia. Premess illi wara l-mewt ta' l-indikati testaturi, ghadda zmien konsiderevoli, Giovanni baqa' guvni u formalment baqa' ukoll jirrisjedi fil-fond gia hawn imsemmi.

Illi llum l-imsemmi Gerolomo Pace ghalaq iktar minn hdax-il sena mejjet, filwaqt li martu Lucrezia ghalqet izjed minn tliet snin mejta. Illi minkejja nterpellat ufficjalment darbtejn sabiex jiddikjara bil-miktub lill-atturi jekk kienx lest li jixtri bi stima ta' Perit il-fond Numru 47, Triq Zebra, Birzebbugia, u f'kaz li le sabiex jivvaka l-fond billi l-atturi riedu jissalvagwardjaw il-komproprjeta` taghhom, il-konvenut Giovanni baqa' inadempjenti.

Illi l-atturi qatt ma rcevew jew b'xi mod accettaw xi kera, taht forma jew ohra, mill-konvenut Giovanni Pace, u qatt ma rrikonoxxew xi jedd li allegatament jista' jghid li ghandu l-konvenut Giovanni Pace biex jibqa' indefinittivament fil-fond komproprjeta` tal-kontendenti, jirrisjedi formalment hemmhekk bi pregudizzju u danni ghall-istess atturi.

Illi skont it-testment citat, il-komproprjetarji tal-fond mertu ta' din l-kawza huma l-kontendenti hdax-il ahwa Pace li a skopijiet ta' ligi ddahlu maghhom bhala atturi jew konvenuti r-rispettivi konsorti taghhom, ghajr ghall-konvenut Giovanni li baqa' ghazeb u huwa l-qofol li ghalih qieghda ssir din il-kawza. Premess illi ghalhekk biex

jissalvagwardjaw l-interessi kollha taghhom, l-atturi kif indikati kienu kostretti li jintavolaw din ic-citazzjoni kontra Giovanni Pace u konvenuti ohra kif indikat.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lil Giovanni Pace u l-konvenuti l-ohra msemmija jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Illi fl-ewwel lok, il-konvenut Giovanni Pace ma ghandu ebda titolu legalment validu rigwardanti l-fond Numru 74, Zebra *Street*, Birzebbugia, ghajr il-fatt illi huwa wiehed minn hdax (1/11) komproprjetarju ta' l-istess fond flimkien mal-komproprjetarji kontendenti l-ohra li bejniethom huma s-sidien indivisament.

2. Illi l-konvenut Giovanni Pace ghandu fi zmien qasir u perentorju kif lilu jigi ordnat, jesegwixxi r-raba' artikolu, u artikoli ohra konnessi, tat-testment *unica charta* bejn il-konjugi llum mejtin Gerolomo u Lucrezia Pace, il-genituri tieghu, liema testment sehh in Atti Nutar Dottor Maurice Gambin nhar is-7 ta' Ottubru 1975, fl-erbgha ta' wara nofs-inhar, u *cioe*` li jiddikjara huwiex sejjer jixtri bi stima ta' Perit id-dar ta' l-abitazzjoni ta' l-imsemmija genituri.

3. Billi tinnomina Perit Arkitett u Nginier Civili halli jkun jista' jaghmel l-istima accennata fit-tieni talba attrici.

4. Illi l-atturi jigu kkompensati adegwatament mehuda in konsiderazzjoni c-cirkustanzi kollha, ghaz-zmien kollu li l-konvenut Giovanni Pace ilu jokkupa l-fond indikat mill-mewt ta' ommu Lucrezia Pace 'l hawn.

5. Illi fid-dawl tat-tieni talba attrici, tiffissa d-data u l-hin li fihom il-konvenut Giovanni Pace attwalment jixtri u jakkwista l-fond imsemmi, ghas-spejjez tieghu, u illi s-sehem ta' l-atturi jigi ordnat li jinghata lilhom, bl-imghaxijiet legali, skond l-istima a bazi tat-tielet talba attrici, u ghal dan l-ghan jigi mahtur u nominat Nutar Pubbliku Malti biex jirredigi l-atti pubbliku opportun.

6. Illi jekk il-konvenut ma jobdix l-ordni tal-Qorti a bazi tat-tieni talba attrici, minbarra r-rimedji legali kontra l-

istess konvenut ghad-disprezz, il-Qorti ghandha tiffissa l-kumpens dovut lill-atturi mill-konvenut imsemmi ghal kull jum li tali ordni ma tigix mwettqa, kif ukoll tawtorizza halli l-fond *de quo* jkun jista' jinbiegh bil-procedura tas-subasta, bl-inkluzjoni ta' terzi estraneji.

7. Illi fl-eventwalita` tal-kontumacja tal-konvenut Giovanni Pace u/jew il-konvenuti l-ohra jew xi hadd minnhom, il-Qorti ghandha tahtar kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacji f'kull att li jista' jinhtieg li jsir a bazi tat-talbiet attrici, partikularment il-hames talba.

B'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ta' danni u proceduri legali ohra spettanti lill-atturi kontra l-konvenut Giovanni Pace u/jew il-konvenuti l-ohra, kif ukoll bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra-gudizzjarji nkorsi mill-atturi in konnessjoni mal-mertu ta' din l-kawza, nkluz iz-zewg ittri gudizzjarji tal-10 ta' Mejju u tal-14 ta' Gunju 1993. Il-konvenuti kollha huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi Joseph Pace *et* a fol. 5 u 6 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Manche` ghas-seduta tal-4 Novembru 1994.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 12 ta' Awissu 1994 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit illi:-

1. Fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-eccipjenti ghandu titolu validu ta' kera. Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi nkompetenti *'ratione materiae'* billi l-materja tispetta lill-Bord li Jirregola l-Kera u mhux lill-Qrati ordinarji;

2. Fit-tieni lok it-talbiet l-ohra huma superfluwi, ripetuti u frivoli, u *inoltre* l-maggor parti ta' l-eccipjenti ghandhom jigu liberati *'ad abservantia'*;

3. Kwantu ghal kap ta’ l-ispejjez l-atturi ma jistghux jiddominaw dawk extra-gudizjarji.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert Manche` tal-4 ta’ Novembru 1994 u tas-27 ta’ Frar 1995 fejn gie nominat bhala Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Caruana Curran; u mill-24 ta’ April 1995 sas-6 ta’ Marzu 1996 fejn b’ordni tal-Qorti il-kawza giet differita biex tinstema’ quddiem l-Onor Mhallef Noel Arrigo.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Caruana Curran tal-24 ta‘ Ottubru 1995; tal-20 ta’ Novembru 1995 fejn xehed l-attur Giuseppi Pace u b’in kontro-ezami; tat-8 ta’ Frar 1996 fejn ma sar xejn; tal-21 ta’ Frar 1996 fejn kompla jixhed b’in kontro-ezami Joseph Pace, u l-attrici Rosaria Pace; tat-3 ta’ Mejju 1996 u tal-4 ta’ Gunju 1998 fejn ma sar xejn; tas-6 ta’ Ottubru 1999 fejn xehedu Joseph Pace, Rosaria Pace u Catherine Psaila; tal-25 ta’ Ottubru 1999 fejn xehdu Emanuel Pace prodott mill-atturi, Pawlu Pace u Gorgina Pace; tat-2 ta’ Dicembru 1999 fejn xehed Kristino Pace; tad-9 u tal-21 ta’ Frar 2000, tas-6 ta’ Marzu 2000 u tal-21 ta’ Frar 2001 fejn ma sar xejn; tat-2 ta’ Marzu 2001; tat-3 ta’ Lulju 2001 fejn ma sar xejn; tal-25 ta’ Ottubru 2001; tal-21 ta’ Frar 2002; u tat-3 ta’ Settembru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo mit-18 ta’ Settembru 1996 sat-22 ta’ Marzu 1999 fejn il-kawza giet differita biex tinstema’ quddiem l-Onor. Mhallef David Scicluna fis-19 ta’ April 1999.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna mill-14 ta’ April 1999 sat-22 ta’ Marzu 2002 fejn il-Qorti ordnat li l-kawza tigi differita biex tinstema’

quddiem l-Onor. Mhallef Dr. Anton Depasquale ghall-15 ta’ April 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale mill-15 ta’ April 2002 sat-13 ta’ Novembru 2002 fejn il-Qorti ordnat li din il-kawza tigi differita l-1 ta’ April 2003 biex tinstema’ quddiem l-Onor Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-1 ta’ April 2003 sas-17 ta’ Frar 2004 fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr. Emmy Bezzina u l-konvenut assistit minn Dr. Joseph Sammut. Il-Qorti, fuq talba mhux opposta ta’ Dr. Emmy Bezzina ghall-atturi fuq suggeriment taz-zewg difensuri nnominat bhala espert tal-kaligrafija lill-P.L Juliana Scerri Ferrante bl-inkarigu li tezamina r-ricevuti konnessi ma’ l-allegat kirja li jinsabu a fol. 19 sa fol. 24 a fol. 49 tal-process u ticcertifika jekk dawn id-dokumenti hemmx il-firma awtentika ta’ l-avukat Dr. Joseph Cassar Galea. Hija awtorizzata li taghmel l-indagni mal-Periti ta’ l-imsemmi avukat biex takkwista dokumenti ffirmati minnu u awtorizzaha tamministra l-gurament lil dawn l-istess persuni. Il-Qorti ordnat komunika ta’ dan id-digriet lill-imsemmi espert. Il-kawza giet differita ghas-6 ta’ April 2004 ghar-rapport; u mis-6 ta’ April 2004 sas-7 ta’ Ottubru 2004 fejn il-Perit kaligrafu Juliana Scerri Ferrante halfet ir-rapport. Il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Novembru 2004 ghall-hlas u konferma tar-rapport.

Rat ir-rapport tal-espert kaligrafu Juliana Scerri Ferrante datat 24 ta’ Settembru 2004 u mahluf *seduta stante* fis-7 ta’ Ottubru 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-5 ta’ Novembru 2004 fejn il-konvenuti rrimettew ruhhom ghar-rapport; tas-7 ta’ Dicembru 2004 sas-16 ta’ Marzu 2005 fejn fl-ahhar seduta meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-atturi, b’referenza

ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut iddikjaraw li jaqblu fuq il-fond *de quo* hemm titolu ta' lokazzjoni favur Giovanni Pace u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha titqies sorvolata. Il-partijiet qablu li jigi nominat ex-parte, l-perit Godwin Abela biex jaghmel stima tal-fond in kwistjoni. L-okkupant tal-fond ghandu jippermetti access shih lill-partijiet inkluz membri tal-familja taghhom waqt li l-perit ikun qed jesegwixxi l-inkarigu tieghu. Il-kawza giet differita ghas-26 ta' April 2005 ghal dan l-iskop.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku A.I.C. Godwin P. Abela pprezentat fir-registru fil-31 ta' Mejju 2005 u mahluf *seduta stante* fit-8 ta' Novembru 2005 u dan fil-valur ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm25,000) ekwivalenti ghall-hamsa u tmenin, mitejn u hamsin elf Euro (Euro 58,250) kif l-istess fond huwa suggett ghall-kirja imsemmija.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti hekk presjeduta tas-16 ta' Frar 2006, u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-istess Qorti kif attwalment presjeduta tas-26 ta' April 2006; tal-21 ta' Gunju 2006; tad-9 ta' Novembru 2006; u tat-8 ta' Frar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Sammut ghall-konvenuti li nforma lill-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx. Prezenti l-partijiet. Dr. Emmy Bezzina ssejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Dr. Sammut tratta l-kaz. Dr. Sammut iddikjara li l-klijent tieghu Joseph Pace lest li jixtri l-fond in kwistjoni bil-valur stabbilit mill-Perit Legali. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Mejju 2007.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2007 meta issejhet il-kawza deher Dr. Emmy Bezzina ghall-atturi prezenti. Deher ukoll Dr. Joseph Sammut ghall-konvenuti prezenti. Il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza peress li hemm ix-xhieda nieqsa tas-6 ta' Ottubru 1999 fejn xehdu Jospeh Pace, Rosaria Pace u Catherine Psaila, tal-25 ta' Ottubru 1999 fejn xehdu Emanuel Pace, Pawlu Pace u Gorgina Pace, u tat-2 ta' Dicembru 1999 fejn xehdet Kristan Pace fejn tali xhieda kienet moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Caruana Curran.

Dr. Bezzina talab li jirregola ruhu. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghat-2 ta' Ottubru 2007; u l-verbal tat-2 ta' Ottubru 2007 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex tiffissa zewg seduti biex jistemghu x-xhieda ndikati fl-ahhar verbal, u dan kollox fil-mori ta' dan id-differiment.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat ir-rikors ta' Lourdes Grech datat 11 ta' April 2008 fejn talbet li wara l-mewt ta' Rosaria *sive* Lucy Pace fil-mori tal-kawza (17 ta' Frar 2008) il-gudizzju jigi trasfuz f'isimha u b'digriet datat 15 ta' April 2008 din il-Qorti laqghet l-istess talba.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta tad-9 ta' Ottubru 2008 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Bezzina ghall-atturi ddikjara li qed jirrinunzja ghax-xhieda ta' Joseph Pace, Rosaria Pace, Emanuel Pace, Pawlu Pace u Gorgina Pace u ta' Catherine Psaila li x-xhieda taghhom kienet nieqsa kif verbalizzat fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2007 u tali xhieda baqghet ma nstabitx. B'hekk Dr. Bezzina mhux qed jinsisti li tinstab l-istess xhieda fuq insistenza tal-atturi stess. Dr. Sammut ghall-konvenut Giovanni Pace iddikjara li lest jixtri l-fond in kwistjoni bil-prezz stabbilit mill-perit tekniku u l-istess prezz jigi diviz skont it-testment. Dr. Bezzina ghall-atturi prezenti irrimetta ruhu ghall-istess fic-cirkostanzi u dan kif dirett ukoll minn Ms. Lourdes Grech. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2009.

Rat in-nota ta' Lourdes Grech datata 9 ta' Jannar 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza qed issir min-numru ta’ ahwa ko-eredi kontra il-kumplament ta’ l-ahwa ukoll ko-eredi u qed tigi bbazata fuq disposizzjoni testamentarja kontenuta f’testment *unica charta* tas-7 ta’ Ottubru ta’ l-1975 (Dok. “MG1” a fol. 166) ta’ missierhom Gerolamo Pace ma’ l-ahhar mara tieghu, Lucrezia. Permezz ta’ l-artikolu 4 ta’ dan it-testment, wiehed mill-ahwa konvenuti, Giovanni Pace, inghata d-dritt illi jixtri u jakkwista id-dar ta’ abitazzjoni tat-testaturi u cioe` l-fond bin-numru 47 fi Triq taz-Zebra f’Birzebbugia, jekk huwa jkun ghadu guvni fil-gurnata tal-mewt tas-superstiti fost it-testimentarji, u dan ghall-valur skont stima ta’ perit.

Illi jirrizulta bhala fatt mhux kontestat illi l-konvenut Giovanni Pace fil-fatt kien ghadu guvni mal-mewt tas-superstiti tat-testaturi. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tieghu (a fol. 17 *et seq.)* illi huwa jokkupa l-fond in kwistjoni taht titolu ta’ lokazzjoni li kienet ikkoncedhietlu ommu Lucrezia fis-somma ta’ tmintax-il Lira Maltin (LM18) fis-sena. Il-vertenza bejn il-partijiet inqalghet peress illi huwa qatt ma ghamel l-ebda dikjarazzjoni ma’ hutu jekk huwa jixtieqx jakkwista dan il-fond jew le.

Illi fl-ewwel lok, b’referenza ghall-kirja tal-fond kif ukoll ghall-ewwel talba attrici, jinghad illi l-atturi jallegaw illi l-kirja hija wahda fittizja u mahluqa mill-konvenut Giovanni Pace stess sabiex jallega illi huwa ghandu jedd jibqa’ jokkupa l-fond. F’dan is-sens, l-atturi allegaw illi l-firem fuq il-ktieb tal-kera prezentat bhala Dok. “A” (fol. 231) ma humiex awtentici.

Illi jirrizulta izda mir-rapport ta’ l-espert kaligrafiku il-P.L. Juliana Scerri Ferrante (a fol. 198 *et seq.)* li dawn il-firem u cioe` dawk ta’ l-Avukat Dr. Cassar Galea huma fil-fatt awtentici. F’dan is-sens, din il-Qorti fil-fatt ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha titbieghed mill-konkluzjonijiet tal-perit kaligrafu (ara **“Mark Farrugia et vs Michael Arthur Williams et”** - 28 ta’ Jannar 2005) u ghalhekk ma hijiex

tal-fehma illi ir-ricevuti gew mahluqa sabiex il-konvenut ikollu jedd jokkupa l-fond in kwistjoni u ghalhekk hija sodisfatta mill-provi mressqa illi l-fond gie mikri minn Lucrezia Pace, omm il-konvenuti, lil binha Giovanni Pace.

Illi ma dan jizdied li fi kwalunkwe kaz, l-atturi ddikjaraw illi anke huma jinsabu sodisfatti illi l-fond huwa mikri favur Giovanni Pace (ara verbal fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2005 a fol. 237). Konsegwentement, il-valutazzjoni illi ghandha tinghata lill-fond ghandha tirrifletti din il-kirja u din il-Qorti ser tistrieh fuq il-valutazzjoni li ghamel il-perit tekniku tal-fond in kwistjoni hekk kif huwa soggett ghall-kirja (ara rapport a fol. 244 *et seq*).

Illi in kwantu ghat-tieni talba attrici u cioe` it-talba sabiex Giovanni Pace jiddikjara jekk ghandux intenzjoni illi jakkwista l-fond in kwistjoni jew le, din il-Qorti tirrileva li din it-talba llum tinsab sodisfatta peress li l-konvenut Giovanni Pace fil-mori ta' din il-kawza, ghamel dikjarazzjoni f'dan is-sens, tant li ddikjara illi jinsab dispost jakkwista l-fond bil-prezz stabbilit mill-perit tekniku u dan kif verballizzat minnu fis-seduti tat-8 ta' Frar 2007 u tad-9 ta' Ottubru, 2008 u kif jirrizulta mir-rapport tal-Perit Tekniku (a fol. 244 *et seq*).

Illi fil-kuntest tar-raba' talba, l-atturi qed jitolbu illi jigu kkumpensati adegwatament ghaz-zmien kollu illi l-konvenut Giovanni Pace ilu jokkupa l-fond mill-mewt ta' ommu Lucrezia 'l quddiem. F'dan is-sens jinghad illi d-disposizzjoni testamentarja mertu ta' din il-kawza tobbliga lill-konvenut Giovanni Pace jiddikjara jekk jixtieqx jakkwista l-fond in kwistjoni jew le, biss pero' l-artikolu 4 tat-testment ma jimponi ebda terminu fuq il-konvenut li fih ghandu jezercita l-ghazla tieghu.

Illi *inoltre* l-fond huwa okkupat mill-konvenut Giovanni Pace taht titolu validu skond il-ligi u cioe` dak ta' lokazzjoni verso l-kera ta' tmintax-il Lira Maltin (LM18) fis-sena. Ghalhekk it-talba attrici sabiex jigu kkumpensati ghaz-zmien illi l-istess ilu jokkupa l-fond allegatament illegalment ma tistax tintlaqa' peress li jirrizulta li l-fond kien okkupat b'titolu ta' kera.

Illi in kwantu ghall-eccezzjonijiiet imressqa mill-konvenuti jinghad illi in kwantu ghall-ewwel eccezzjoni din giet irtirata (ara verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Marzu 2005 a fol. 237).

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni, l-konvenuti eccepew li l-maggor parti taghhom ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Illi f'dan is-sens jinghad illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-konvenuti huma lkoll komproprjetarji tal-fond in kwistjoni bhala werrieta u ghalhekk ghall-finijiet ta' l-integrita` tal-gudizzju l-atturi huma fil-fatt korretti li jiccitaw lill-konvenuti l-ohra kollha apparti lil Giovanni Pace. Hawn issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Vincent Agius pro et noe vs Mario Borg et"** (P.A. - 28 ta' Marzu 2003), li ghalkemm il-*fattispecie* tal-kaz kienu differenti, din is-sentenza hija ta' rilevanza in kwantu tirrigwarda integrita` *o meno* ta' gudizzju u tant li fl-istess gie ritenut illi:-

*"Kif jinsab insenjat "ir-ragjon d'essere ta' eccezzjoni ta'*
*nuqqas ta' integrita tal-gudizzju tistrieh fuq tliet konsiderazzjonijiet principali: l-ewwel wahda hija li, ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, ghandhom jippartecipaw fih dawk kollha li huma interessati; it-tieni, sabiex tigi assigurata kemm jista' jkun l-effikacita` tal-gudizzju, in kwantu dan*
*jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu ppartecipaw fl-istess gudizzju; it-tielet, biex jigi rispettat il-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzju sabiex ma jkunx hemm il-bzonn li l-istess procedura tigi ripetuta kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawzi billi dawn ma jkunux hadu parti f'gudizzju wiehed u l-kreditur attur ikollu l-interess li*
*d-debituri kollha jigu vinkolati biex ikun jista' jesegwixxi t-titolu tieghu kontra taghhom kollha" – "**Victor Zahra Dedomenico –vs- Alfred Zahra Dedomenico**", Appell,*
*15 ta' Jannar 1992";*

Illi l-istess linja giet segwita fid-decizjonijiet fl-ismijiet **“Joseph Borg et –vs- Francis Vassallo noe**” (Appell - 28 ta’ Jannar 2000) u **“Carmelo Bonello –vs- Albert Mizzi noe”** (Appell - 6 ta’ Ottubru 2000) u diversi ohrajn. Ghalhekk fil-kaz in ezami, fil-fatt gew imharrka l-bqija tal-ko-proprjetarji tal-fond in kwistjoni. Jidher illi dawn gew imharrka proprju sabiex il-fond ikun jista’ jinbiegh fl-intier tieghu lill-konvenut Giovanni Pace.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti biss in kwantu inkonsistenti ma’ dak hawn deciz, u fil-waqt li tichad l-ewwel talba attrici** peress li jirrizulta li l-istess konvenut, *oltre* s-sehem tieghu hemm indikat ghandu titolu ta’ kera fuq il-fond Numru 74, Zebra *Street*, Birzebbugia, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, t-tielet u l-hames talba attrici** kif proposti u dan biss ghaliex l-istess konvenut Giovanni Pace b’verbal datat 9 ta’ Ottubru, 2008 iddikjara li lest li jakkwista l-istess fond skond il-valur moghti lill-istess mill-perit tekniku nnominat mill-Qorti, u fil-waqt li **tichad ir-raba’ talba attrici** ghaliex hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz, **tilqa’ l-hames u s-seba’ attrici** b’dan illi:-

(5) u (7) Tordna lill-konvenut Giovanni Pace jersaq ghall-iffirmar u pubblikazzjoni tal-kuntratt ghall-akkwist ta’ sehem l-atturi u l-konvenuti l-ohra mill-fond bin-numru 47 fi Triq taz-Zebra f’Birzebbugia bil-prezz tal-fond fl-*intier* tieghu kif stabbilit mill-perit tekniku, (hekk kif l-istess fond huwa soggett ghall-kirja ndikata) fis-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf Lira Maltija (Lm25,000) ekwivalenti ghall-hamsa u tmenin, mitejn u hamsin elf ewuro (€58,250) u tordna lill-istess konvenuti l-ohra sabiex flimkien mal-atturi jersqu ghall-istess kuntratt ghall-bejgh tas-sehem taghhom mill-istess fond lill-istess konvenut Giovanni Pace bil-prezz tal-intier tal-fond fl-ammont fuq indikat, b’dan li l-istess prezz jithallas mill-konvenut Giovanni Pace lill-atturi u l-konvenuti l-ohra rispettivament skond is-sehem taghhom, u l-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt pubbliku ghandha ssir nhar il-Erbgha 4 ta’ Marzu 2009 fil-

11.30.a.m. f’wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri, l-Belt Valletta, u tinnomina ghal dan l-iskop lin-Nutar Mario Bugeja, u lill-Avukat Dr. Gabrielle Buttigieg bhala kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att, bl-ispejjez tal-istess kuntratt skond il-ligi.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati minn kull parti wild ta’ Gerolomu Pace (attur jew konvenut) fis-sehem ta’ wahda minn hdax il-parti (1/11) kull wiehed jew wahda minnhom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------